# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/3151

**tas-16 ta' Diċembru 2024**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Mejju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 ([1]).

(2) F'konformità mal-Artikolu 36(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, il-Kunsill irrieżamina l-listi ta' persuni, entitajiet u bastimenti indikati li jinsabu fl-Annessi II, III, V u VI ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Jenħtieġ li l-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet fil-listi li jinsabu fl-Annessi II u III tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 jinżammu. Jenħtieġ li l-entrati għal 21 persuna u erba' entitajiet f'dawk l-Annessi jiġu aġġornati.

(4) Fid-dawl tal-attivitajiet kontinwi relatati mal-missili ballistiċi mwettqa mir-RDPK bi ksur tal-UNSCRs rilevanti u b'nuqqas ta' rispett sfaċċat għar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU), jenħtieġ li tiġi inkluża entità waħda fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness III tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.

(5) Fis-17 ta' Settembru 2024, il-Kumitat tal-KSNU stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-KSNU aġġorna l-informazzjoni relatata ma' persuna waħda fil-lista li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849. Għalhekk jenħtieġ li l-entrata għal dik il-persuna tiġi aġġornata.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Annessi I, II u III tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79).

*ANNESS*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Anness I, taħt l-intestatura "A. Persuni", l-entrata 77 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | Isem | Psewdonimu | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni min-NU | Dikjarazzjoni tar-raġunijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| "77. | Ri Pyong Chul | Ri Pyong Chol;<br>Ri Pyo'ng-ch'o'l | Data tat-twelid: 1948<br>Nazzjonalità: DPRK<br>Sess: raġel<br>Indirizz: DPRK | 22.12.2017 | Viċi President tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea (WPK). Eks Segretarju tal-Partit tal-Ħaddiema u Membru tal-Bureau Politiku. Eks Membru supplenti tal-Bureau Politiku tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u l-Ewwel Viċi Direttur tal-Munitions Industry Department."; |

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet responsabbli għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom", is-subintestatura "A. Persuni", l-entrati 11, 17, 21, 23, 28 u 29 huma sostitwiti b'dan li ġej:

| | Isem | Psewdonimu | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| "11. | JO Kyongchol<br>조경철 | JO Kyong Chol | Sess: raġel | 20.5.2016 | Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Maħtur bħala Membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea f'Ġunju 2022, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Direttur tal-Kmand Militari tas-Sigurtà. Bħala tali, huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Rielett għall-Kumitat Ċentrali tal-Partit f'Jannar 2021. Akkumpanja lil Kim Jong Un għal eżerċizzji tal-artillerija fuq skala kbira f'Marzu 2024. |
| 17. | PAK Jong-chon<br>박정천 | PAK Jong Chon | Sess: raġel | 20.5.2016 | Membru tal-Bureau Politiku tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema, Viċi President tal-Kummissjoni Militari Ċentrali, Segretarju tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. Membru tal-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat, Marixxall u eks Kap tal-Persunal Ġenerali. Wettaq ir-rieżami formali fil-parata militari tal-25 ta' April 2022, li jindika r-rwol tiegħu fl-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva u r-responsabbiltà tiegħu għalihom. Pak akkumpanja lil Kim Jong Un waqt żjara fir-Russja f'Settembru 2023 flimkien ma' kmandanti militari oħra ta' livell għoli u uffiċjali tal-industrija tal-armi. |

| | Isem | Psewdonimu | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| 21. | HONG Yong Chil<br>홍영칠 | | Sess: raġel | 20.5.2016 | Viċi Direttur tal-Munitions Industry Department (MID). Il-MID – deżinjat mill-KSNU fit-2 ta' Marzu 2016 – huwa involut f'aspetti ewlenin tal-programm tal-missili tar-RDPK. Il-MID huwa responsabbli għas-sorveljanza tal-iżvilupp tal-missili ballistiċi tar-RDPK, inkluż il-programmi ta' R&Ż. Is-Second Economic Committee u s-Second Academy of Natural Sciences – deżinjati wkoll f'Awwissu 2010 – huma subordinati għall-MID. Huwa viċi direttur ta' dipartiment tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. Hong akkumpanja lil Kim Jong Un fl-2023 u fl-2024 f'sit marbut mal-industrija tal-munizzjon tar-RDPK. Fl-2019 Hong ġie deskritt bħala wieħed mill-uffiċjali ewlenin fil-qasam tax-xjenza tad-difiża nazzjonali. Huwa akkumpanja lil Kim Jong Un waqt l-isparar ta' tip ġdid ta' arma tattika gwidata, u waqt l-ispezzjoni ta' tip ġdid ta' sottomarin li kien qed jinbena.<br><br>Huwa kien wieħed mix-xjenzjati kkongratulati minn Kim Jong Un fl-2017 għall-illanċjar tal-Hwasong-15 tal-missila ballistika interkontinentali (ICBM) u osserva testijiet tal-magni preċedenti u llanċjar ballistiku ieħor. Fl-2016, huwa akkumpanja lil Kim Jong Un għal laqgħa ma' xjenzati li fiha ġiet diskussa r-riċerka biex jiġu muntati testati nukleari ta' missili tattiċi u strateġiċi. Huwa seta' kellu rwol sinifikanti fit-test nukleari tar-RDPK fis-6 ta' Jannar 2016. Bħala tali, huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. |

| | Isem | Psewdonimu | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| 23. | YUN Chang Hyok<br>윤창혁 | | Data tat-twelid: 9.8.1965<br>Sess: raġel | 20.5.2016 | Viċi Direttur taċ-Ċentru tal-Kontroll tas-Satelliti, l-Amministrazzjoni Nazzjonali tat-Teknoloġija tal-Ajruspazju (NATA), li Kim Jong Un żar qabel it-test tal-missila ballistika interkontinentali (ICBM) fl-24 ta' Marzu 2022. In-NATA hija soġġetta għal sanzjonijiet taħt il-UNSCR 2270 (2016) għall-involviment fl-iżvilupp tar-RDPK ta' xjenza u teknoloġija tal-ispazju, inkluż l-illanċjar ta' satelliti u rokits. Il-UNSCR 2270 (2016) ikkundannat l-illanċjar tas-satellita tar-RDPK tas-7 ta' Frar 2016 minħabba l-użu ta' teknoloġija tal-missili ballistiċi u minħabba li kien fi ksur serju tar-Riżoluzzjonijiet 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013) u 2094 (2013). Bħala tali, huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Fit-23 ta' Novembru 2023, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, f'isem l-Unjoni Ewropea, ikkundanna l-illanċjar mir-RDPK ta' satellita militari bl-użu tat-teknoloġija tal-missili ballistiċi minħabba ksur tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. |
| 28. | KIM Su Gil<br>김수길 | KIM Su-gil | Data tat-twelid: 1950<br>Sess: raġel | 21.4.2022 | Fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur tal-Bureau Politiku Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean bejn l-2018 u l-2021 u Membru tal-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat bejn l-2019 u l-2021, u l-pożizzjoni tiegħu mill-2023 bħala l-Kap Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tal-Belt ta' Pyongyang u Membru Supplenti tal-Bureau Politiku, huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, relatati mal-iżvilupp ta' programmi nukleari u ballistiċi bi ksur tar-Riżoluzzjonijiet 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017), 2375 (2017), u 2397 (2017) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Fi Frar 2024, mexxa delegazzjoni tal-partit fir-Russja u kellu diversi laqgħat mat-tmexxija għolja Russa. |

| | Isem | Psewdonimu | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| 29. | JON Il Ho<br>전일호 | JON Il-Ho | Data tat-twelid: 1955 jew 1956<br>Nazzjonalità: DPRK<br>Sess: raġel | 21.4.2022 | President tal-Università tad-Difiża Nazzjonali Kim Jong Un minn Diċembru 2023, istituzzjoni li hija involuta fl-iżvilupp tal-programmi tal-armi illegali tar-RDPK. Barra minn hekk, fil-kapaċità tiegħu bħala President tal-Kumitat tal-Akkademja għar-Riċerka dwar id-Difiża tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea (Workers' Party of Korea (WPK)) u membru tal-Kumitat Ċentrali tad-WPK, Jon għandu wkoll rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-programmi tar-RDPK dwar l-armi ta' qerda massiva u huwa responsabbli għalih. Promoss għal Kurunell Ġenerali f'Awwissu 2019, irċieva l-Premju għax-Xjenza u t-Teknoloġija tas-16 ta' Frar, Direttur tal-Istitut tar-Riċerka tal-Awtomatizzazzjoni u Direttur tal-Istitut tal-Università tat-Teknoloġija Kim Chaek, u Viċi Direttur ta' Dipartiment tal-Kumitat Ċentrali tad-WPK, huwa pparteċipa fl-illanċjar tal-missila ballistika interkontinentali (ICBM) Hwasong-14 fl-4 ta' Lulju 2017 u t-28 ta' Lulju 2017, kif ukoll il-biċċa l-kbira ta' llanċjar ieħor ta' missili fl-2017, l-2019 u f'Marzu 2020."; |

(b) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet responsabbli għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom", is-subintestatura "B. Entitajiet", l-entrati 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

| | Isem | Psewdonimu | Lokalità | Data tad-deżinjazzjoni | Informazzjoni oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| "4. | Yongbyon Nuclear Scientific Research Centre<br>녕변 원자력 연구소<br>영변 원자력 연구소 | | | 22.12.2009 | Faċilitajiet li kapaċi jipproduċu materjal fissili għal użi militari, inkluż reattur ta' 5MW (e), faċilità ta' riproċessar tal-plutonju (laboratorju radjukimiku), Reattur li juża l-Ilma Ordinarju (LWR) u faċilità rappurtata għall-arrikkiment tal-uranju. Iċ-Ċentru jiddependi mill-General Bureau of Atomic Energy (entità ddeżinjata mill-KSNU, 16.7.2009). F'Ġunju 2024, l-IAEA ddikjarat li kienet osservat l-iskariku intermittenti tal-ilma mis-sistema tat-tkessiħ tal-LWR f'Yongbyon minn Diċembru 2023, li huwa konsistenti mal-operat tal-LWR. L-IAEA sabet ukoll indikazzjonijiet kontinwi tat-tħaddim tar-reattur ta' 5 MW(e) u tal-faċilità ta' arrikkiment taċ-ċentrifugi rrappurtata. Fir-rapport tiegħu ta' Marzu 2024, il-Bord ta' Esperti tan-NU identifika wkoll attività sinifikanti li għadha għaddejja f'Yongbyon. |

| | Isem | Psewdonimu | Lokalità | Data tad-deżinjazzjoni | Informazzjoni oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| 5. | Armata tal-Poplu Korean<br>조선인민군 | | | 16.10.2017 | L-Armata tal-Poplu Korean tinkludi l-Forza Strateġika (preċedentement il-Forza tal-Missili Strateġiċi), li tikkontrolla l-unitajiet tal-missili strateġiċi konvenzjonali u nukleari tar-RDPK. Il-Forza tal-Missili Strateġiċi ġiet elenkata mir-Riżoluzzjoni 2356 (2017) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.”; |

(3) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu “Lista ta’ persuni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 23(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 27(1)” huwa sostitwit b’dan li ġej: “Lista ta’ persuni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 23(1) u ta’ persuni u entitajiet imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 27(1)”;

(b) taħt l-intestatura “A. Persuni”, l-entrati 8, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 27 u 28 huma sostitwiti b’dan li ġej:

| | Isem | Informazzjoni ta’ identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| “8. | KIM Chang Hyok<br>magħruf ukoll bħala: James Kim<br>김창혁 | Data tat-twelid: 29.4.1963<br>Post tat-twelid: N. Hamgyong<br>Numru tal-Passaport: 472130058<br>Sess: raġel | 22.1.2018 | Kim Chang Hyok ġie identifikat mill-Bord ta’ Esperti tan-NU bħala r-rappreżentant ta’ Pan Systems Pyongyang fil-Malażja. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta’ bejgħ ta’ armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti, u taħdem f’ismu. Huwa stabbilixxa diversi kontijiet fil-Malażja f’isem il-kumpaniji faċċata ‘Glocom’, hija stess kumpanija faċċata tal-entità ddeżinjata Pan Systems Pyongyang.<br>Ir-Rapport Finali ta’ Marzu 2023 tal-Bord ta’ Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f’tentattivi ta’ esportazzjoni ta’ armi. Ir-Rapport ta’ Settembru 2023 tal-Bord ta’ Esperti tan-NU identifika Pan Systems bħala li tesporta u tipprovdi taħriġ fl-użu ta’ tagħmir ta’ telekomunikazzjoni militari lill-forzi armati Etjopjani permezz ta’ kumpaniji faċċata fil-Malażja u fl-Indoneżja. |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjaz-zjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 10. | RYANG Su Nyo<br>량수니오 | Data tat-twelid: 11.8.1959<br>Post tat-twelid: Japan<br>Sess: raġel | 22.1.2018 | Direttur ta' Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Il-Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti, u taħdem f'ismu. Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi. Ir-Rapport ta' Settembru 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU identifika lill-kumpanija bħala li tesporta u tipprovdi taħriġ fl-użu ta' tagħmir ta' telekomunikazzjoni militari lill-forzi armati Etjopjani permezz ta' kumpaniji faċċata fil-Malażja u fl-Indoneżja. |
| 11. | PYON Won Gun<br>변원군 | Data tat-twelid: 13.3.1968<br>Post tat-twelid: S. Phyongan<br>Numru tal-passaport tas-servizz: 836220035<br>Numru tal-Passaport: 290220142<br>Sess: raġel | 22.1.2018 | Direttur ta' Glocom, kumpanija faċċata ta' Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti, u taħdem f'ismu.<br>Il-Glocom tirreklama tagħmir tal-komunikazzjoni bir-radju għal organizzazzjonijiet militari u paramilitari.<br>Pyon Won Gun ġie identifikat ukoll mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem Pan Systems Pyongyang. Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi. Minn Lulju 2024, Glocom kompliet topera u kienet qed tbigħ b'mod attiv tagħmir tat-telekomunikazzjoni militari. |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjaz-zjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 12. | PAE Won Chol<br>배원철 | Data tat-twelid: 30.8.1969<br>Post tat-twelid: Pyongyang<br>Numru tal-Passaport Diplomatiku: 654310150<br>Sess: raġel | 22.1.2018 | Pae Won Chol ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti, u taħdem f'ismu. Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi. Ir-Rapport ta' Settembru 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU identifika lill-kumpanija bħala li tesporta u tipprovdi taħriġ fl-użu ta' tagħmir ta' telekomunikazzjoni militari lill-forzi armati Etjopjani permezz ta' kumpaniji faċċata fil-Malażja u fl-Indoneżja. |
| 13. | RI Sin Song<br>리신송 | Sess: raġel | 22.1.2018 | Ri Sin Song ġiet identifikata mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti, u taħdem f'ismu. Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi. Ir-Rapport ta' Settembru 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU identifika lill-kumpanija bħala li tesporta u tipprovdi taħriġ fl-użu ta' tagħmir ta' telekomunikazzjoni militari lill-forzi armati Etjopjani permezz ta' kumpaniji faċċata fil-Malażja u fl-Indoneżja. |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 14. | KIM Sung Su<br>김성수 | Sess: raġel | 22.1.2018 | Kim Sung Su ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala r-rappreżentant ta' Pan Systems Pyongyang fiċ-Ċina. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti, u taħdem f'ismu. Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi. Ir-Rapport ta' Settembru 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU identifika lill-kumpanija bħala li tesporta u tipprovdi taħriġ fl-użu ta' tagħmir ta' telekomunikazzjoni militari lill-forzi armati Etjopjani permezz ta' kumpaniji faċċata fil-Malażja u fl-Indoneżja. |
| 15. | KIM Pyong Chol<br>김병철 | Sess: raġel | 22.1.2018 | Kim Pyong Chol ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti, u taħdem f'ismu. Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi. Ir-Rapport ta' Settembru 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU identifika lill-kumpanija bħala li tesporta u tipprovdi taħriġ fl-użu ta' tagħmir ta' telekomunikazzjoni militari lill-forzi armati Etjopjani permezz ta' kumpaniji faċċata fil-Malażja u fl-Indoneżja. |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 19. | KIM Il-Su<br>magħruf ukoll bħala: KIM Il Su<br>김일수 | Data tat-twelid: 2.9.1965<br>Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK<br>Sess: raġel | 3.7.2015 | Maniġer fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-kwartieri ġenerali fi Pyongyang u eks kap rappreżentant awtorizzat tal-KNIC f'Hamburg, fejn aġixxa f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha. Fir-rapporti tiegħu ta' Settembru 2023 u Marzu 2024, il-Bord ta' Esperti tan-NU sab li l-KNIC kompliet topera u tespandi l-attivitajiet tagħha f'diversi pajjiżi terzi. |
| 20. | KANG Song-Sam<br>magħruf ukoll bħala: KANG Song Sam | Data tat-twelid: 5.7.1972<br>Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK.<br>Sess: raġel | 3.7.2015 | Ex-rappreżentant awtorizzat tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) f'Hamburg, u għadu jaġixxi f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha. Fir-rapporti tiegħu ta' Settembru 2023 u Marzu 2024, il-Bord ta' Esperti tan-NU sab li l-KNIC kompliet topera u tespandi l-attivitajiet tagħha f'diversi pajjiżi terzi. |
| 21. | CHOE Chun-Sik<br>magħruf ukoll bħala: CHOE Chun Sik<br>최천식 | Data tat-twelid: 23.12.1963<br>Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK<br>Numru tal-Passaport: 745132109<br>Validu sat-12.2.2020<br>Sess: raġel | 3.7.2015 | Direttur fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-kwartieri ġenerali fi Pyongyang u jaġixxi f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha. Fir-rapporti tiegħu ta' Settembru 2023 u Marzu 2024, il-Bord ta' Esperti tan-NU sab li l-KNIC kompliet topera u tespandi l-attivitajiet tagħha f'diversi pajjiżi terzi. |
| 22. | SIN Kyu-Nam<br>magħruf ukoll bħala: SIN Kyu Nam<br>신규남 | Data tat-twelid: 12.9.1972<br>Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK<br>Numru tal-Passaport: PO472132950<br>Sess: raġel | 3.7.2015 | Direttur fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-kwartieri ġenerali fi Pyongyang u ex-rappreżentant awtorizzat tal-KNIC f'Hamburg, fejn aġixxa f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha. Fir-rapporti tiegħu ta' Settembru 2023 u Marzu 2024, il-Bord ta' Esperti tan-NU sab li l-KNIC kompliet topera u tespandi l-attivitajiet tagħha f'diversi pajjiżi terzi. |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 23. | PAK Chun-San<br>magħruf ukoll bħala: PAK Chun San<br>박천산 | Data tat-twelid: 18.12.1953<br>Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK<br>Numru tal-Passaport: PS472220097<br>Sess: raġel | 3.7.2015 | Direttur fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-kwartieri ġenerali fi Pyongyang sa mill-anqas Diċembru 2015 u ex-kap rappreżentant awtorizzat tal-KNIC f'Hamburg, u għadu jaġixxi għal jew f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha. Fir-rapporti tiegħu ta' Settembru 2023 u Marzu 2024, il-Bord ta' Esperti tan-NU sab li l-KNIC kompliet topera u tespandi l-attivitajiet tagħha f'diversi pajjiżi terzi. |
| 24. | SO Tong Myong<br>서동명 | Data tat-twelid: 10.9.1956<br>Sess: raġel | 3.7.2015 | Eks president tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC), eks President tal-Kumitat tal-Maniġment Eżekuttiv tal-KNIC (Ġunju 2012); eks Maniġer Ġenerali tal-KNIC, Settembru 2013, li jaġixxi f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha. Fir-rapporti tiegħu ta' Settembru 2023 u Marzu 2024, il-Bord ta' Esperti tan-NU sab li l-KNIC kompliet topera u tespandi l-attivitajiet tagħha f'diversi pajjiżi terzi. |
| 27. | IM Song Sun<br>magħruf ukoll bħala IM Song-Sun | Nazzjonalità: DPRK<br>Sess: raġel | 21.4.2022 | Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant tal-Corman Construction Company (Tong Bang), kumpanija ta' faċċata għall-Mansudae Overseas Project (MOP) Group (magħruf ukoll bħala Mansudae Art Studio) iddeżinjat min-NU, Im Song Sun huwa involut fl-evażjoni tas-sanzjonijiet bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371, (2017), 2375 (2017) jew 2397 (2017). Huwa mmaniġġa bini minn din il-kumpanija fis-Senegal u rċieva ħlasijiet għal kuntratti mirbuħa lill-MOP u lil Corman Construction, u għalhekk huwa responsabbli għall-attivitajiet finanzjarji li jappoġġaw lir-reġim u lill-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK. Il-Gvern tal-Istati Uniti ssanzjona lil Im Song Sun fl-2023 għal raġunijiet simili. Il-Bord ta' Esperti tan-NU f'Marzu 2024 sab li l-artisti marbuta ma' Mansudae Overseas Project Group komplew joperaw barra mill-pajjiż. |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 28. | CHOE Song Chol<br>magħruf ukoll bħala CHOE Song-Chol | Nazzjonalità: DPRK<br>Sess: raġel | 21.4.2022 | Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant tal-Corman Construction Company (Tong Bang), kumpanija ta' faċċata għall-Mansudae Overseas Project Group (magħruf ukoll bħala Mansudae Art Studio) iddeżinjat min-NU, Choe Song Chol huwa involut fl-evażjoni tas-sanzjonijiet bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371, (2017), 2375 (2017) jew 2397 (2017). Huwa mmaniġġa bini minn din il-kumpanija fis-Senegal u rċieva ħlasijiet għal kuntratti mirbuħa lill-MOP u lil Corman Construction, u għalhekk huwa responsabbli għall-attivitajiet finanzjarji li jappoġġaw lir-reġim u lill-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK. Il-Gvern tal-Istati Uniti ssanzjona lil Choe Song Chol fl-2023 għal raġunijiet simili. Il-Bord ta' Esperti tan-NU f'Marzu 2024 sab li l-artisti marbuta ma' Mansudae Overseas Project Group komplew joperaw barra mill-pajjiż."; |

(c) taħt l-intestatura "B. Entitajiet", l-entrati 4 u 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:

| | Isem (u prewdonimi possibbli) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| "4. | Pan Systems Pyongyang<br>magħrufa wkoll bħala Wonbang Trading Co.; Glocom; International Golden Services; International Global System | Indirizz: Room 818, Pothonggang Hotel, Ansan-Dong, Pyongchon district, Pyongyang, DPRK | 16.10.2017 | Pan Systems assistiet fl-evażjoni ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi jew materjal relatat lill-Eritrea.<br>Pan Systems hija wkoll ikkontrollata minn, u taħdem f'isem, Reconnaissance General Bureau, entità li ġiet iddeżinjata min-Nazzjonijiet Uniti. Ir-Rapport Finali ta' Marzu 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU jippreżenta informazzjoni li l-Pan Systems qed tkompli tinvolvi ruħha f'tentattivi ta' esportazzjoni ta' armi. Ir-Rapport ta' Settembru 2023 tal-Bord ta' Esperti tan-NU identifika lill-kumpanija bħala li tesporta u tipprovdi taħriġ fl-użu ta' tagħmir ta' telekomunikazzjoni militari lill-forzi armati Etjopjani permezz ta' kumpaniji faċċata fil-Malażja u fl-Indoneżja. |

| | Isem (u prewdonimi possibbli) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 8. | Korea Paekho Trading Corporation<br>(Psewdonimu: Joson Paekho Muyok Hoesa)<br>조선백호무역회사 | Indirizz: Chongryu 3-dong, Taedonggang District, Pyongyang, Democratic People's Republic of Korea | 21.4.2022 | Paekho Trading Corporation hija kumpanija tal-arti involuta fil-bini ta' statwi barra mill-pajjiż, fl-esportazzjoni ta' statwi artistiċi prodotti minn Paekho Art Studio, u tiffaċilita x-xogħol illeċitu u l-aċċess għal sistemi finanzjarji internazzjonali. Hija tiffoka speċifikament fuq għotjiet u self għall-iżvilupp, kif ukoll investiment dirett barrani allokat għal proġetti muniċipali. B'hekk, hija involuta fl-evażjoni tas-sanzjonijiet u responsabbli għall-appoġġ finanzjarju tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK. F'Lulju 2024, il-kumpanija dehret li pparteċipat f'fiera kummerċjali ta' prodotti tar-RDPK fi Vladivostok, ir-Russja."; |

(d) taħt l-intestatura "B. Entitajiet", tiżdied l-entrata li ġejja:

| | Isem (u psewdonimi possibbli) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| "11. | Royal Shune Lei | Indirizz: Building 37, Room 6, Bahosi Housing, Lanmadaw Township, Yangon, Myanmar/Burma | 16.12.2024 | Il-Grupp ta' Esperti tan-NU jirrapporta li Royal Shune Lei, kumpanija tal-Myanmar/Burma, li taħdem bħala ditta intermedjarja għall-forzi armati tal-Myanmar/Burma, hija identifikata bħala li qed taħdem mal-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID) għall-provvista ta' armi u armamenti mir-RDPK. Tali trasferimenti ta' armi mir-RDPK huma ksur tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Għaldaqstant, l-entità qed tassisti fl-evażjoni tas-sanzjonijiet tan-NU.". |